# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1201/2009

## tat-30 ta' Novembru 2009

## li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti u tal-kategorizzazzjonijiet tagħhom

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat li dejta miċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar li saru fl-Istati Membri jkunu komparabbli, u biex jingħata lok għal studji kredibbli fil-Komunità kollha, is-suġġetti taċ-ċensimenti għandhom ikunu definiti u kategorizzati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha kif stipulat mir-Regolament (KE) Nru 763/2008. Ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 għaldaqstant jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għal dawn is-suġġetti u għall-kategorizzazzjonijiet tagħhom.

(2) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-suġġetti taċ-ċensiment u l-kategorizzazzjonijiet tagħhom meħtieġa biex jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 763/2008. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, li għandhom jiġu applikati mad-dejta li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea għas-sena ta' riferenza 2011, huma mniżżla fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14.

*ANNESS*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti taċ-ċensiment u l-kategorizzazzjonijiet tagħhom**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma ppreżentati kif ġej:

— Kull suġġett huwa identifikat minn intestatura.

— L-intestatura tas-suġġett tista' tkun segwita minn speċifikazzjonijiet tekniċi li jirreferu għas-suġġett in ġenerali.

— Minn hemm 'il quddiem, il-kategorizzazzjoni/jiet għas-suġġett hija/huma speċifikata/i. Ftit mis-suġġetti għandhom aktar minn kategorizzazzjoni waħda, kull waħda b'livelli differenti ta' dettall. Fejn dan hu l-każ, "H" tidentifika kategorizzazzjonijiet bl-aktar livell għoli ta' dettall, "M" tidentifika kategorizzazzjonijiet b'livell medju ta' dettall, u "L" tidentifika kategorizzazzjonijiet bl-inqas livell ta' dettall.

— It-totali li japplikaw għalihom il-kategorizzazzjonijiet huma identifikati. Kull kategorizzazzjoni tista' tkun segwita minn aktar speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom x'jaqsmu speċifikament ma' dik il-kategorizzazzjoni.

Id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 763/2008 japplikaw ukoll għal dan ir-Regolament.

**Suġġett: Il-post tar-residenza tas-soltu**

Fl-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' "residenza tas-soltu" li tinsab fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008, l-Istati Membri għandhom jittrattaw każijiet speċjali kif ġej:

(a) Fejn persuna tgħix regolarment f'aktar minn residenza waħda matul is-sena, ir-residenza fejn hu/hi jqatta'/tqatta' l-aktar żmien fis-sena għandha titqies bħala l-post ta' residenza tas-soltu tiegħu/tagħha irrelevanti minn jekk din tinsabx x'imkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż. Madankollu, persuna li taħdem 'il bogħod mid-dar matul il-ġimgħa u tirritorna lejn id-dar tal-familja fi tmiem il-ġimgħa għandha tikkunsidra lid-dar tal-familja bħala l-post ta' residenza tas-soltu tagħha irrelevanti minn jekk il-post tax-xogħol tagħha jinsabx x'imkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż.

(b) It-tfal tal-iskola primarja u sekondarja u l-istudenti li qegħdin 'il bogħod mid-dar matul iż-żmien tal-skola għandhom jikkunsidraw id-dar tal-familja tagħhom li tkun il-post tar-residenza tas-soltu tagħhom irrelevanti minn jekk humiex qegħdin ikomplu l-edukazzjoni tagħhom x'imkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż.

(c) Studenti terzjarji li qegħdin 'il bogħod mid-dar waqt li jkunu fil-kulleġġ jew fl-università għandhom jikkunsidraw l-indirizz tagħhom għal dak iż-żmien li jkun il-post tar-residenza tas-soltu tagħhom irrelevanti minn jekk dan huwiex istituzzjoni (bħal skejjel li joffru faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għal għixien fihom) jew residenza privata u irrelevanti minn jekk humiex jistudjaw x'imkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż. F'każijiet eċċezzjonali, fejn il-post tal-edukazzjoni huwa fil-pajjiż, il-post tar-residenza tas-soltu jista' jiġi kkunsidrat li tkun id-dar tal-familja.

(d) Istituzzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala l-post ta' residenza tas-soltu għar-residenti tagħha kollha li fiż-żmien taċ-ċensiment qattgħu, jew x'aktarx li jqattgħu, 12-il xahar jew aktar jgħixu hemm.

(e) Ir-regola ġenerali fir-rigward ta' fejn jitqatta' l-biċċa l-kbira tal-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum tapplika għal persuni li qed jagħmlu xi servizz militari b'mod obbligatorju u għal membri tal-forzi armati li jgħixu fil-kwartieri militari jew fil-kampijiet.

(f) Il-post tal-enumerazzjoni għandu jitqies bħala l-post tar-residenza tas-soltu ta' nies bla dar jew bla saqaf, nomadi, vagabondi u persuni li ma għandhom l-ebda kunċett ta' residenza tas-soltu;

(g) Tifel/tifla li jalterna/talterna bejn żewġ postijiet ta' residenza (jekk pereżempju il-ġenituri tiegħu/tagħha huma ddivorzjati) għandu/għandha jikkunsidra/tikkunsidra l-post fejn iqatta'/tqatta' l-maġġoranza tal-ħin bħala l-post ta' residenza tas-soltu tiegħu/tagħha. Fejn l-ammont ta' żmien mqatta' maż-żewġ ġenituri huwa l-istess il-post tar-residenza tas-soltu għandu jkun il-post ta' fejn it-tifel/tifla jinsab/tinsab matul il-lejl taċ-ċensiment.

Fuq il-bażi tad-definizzjoni tal-post ta' residenza tas-soltu, persuni li normalment huma residenti fil-post ta' enumerazzjoni iżda huma assenti, jew mistennija li jkunu assenti, għal anqas minn sena meta jsir iċ-ċensiment għandhom jiġu kkunsidrati bħala persuni li huma temporanjament assenti u għaldaqstant għandhom ikunu inklużi fit-total tal-popolazzjoni. B'kuntrast ma' dan, persuni li jgħixu jew mistennija li jgħixu barra mill-post ta' enumerazzjoni għal sena jew aktar ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala temporanjament assenti u għaldaqstant għandhom ikunu esklużi mit-total tal-popolazzjoni. Dan huwa irrelevanti mit-tul taż-żjarat li jistgħu minn żmien għal żmien jagħmlu lill-familji tagħhom.

Persuni li huma enumerati iżda ma jissodisfawx il-kriterji għal residenza tas-soltu fil-post ta' enumerazzjoni, jiġifieri ma jgħixux jew mhux mistennija li jgħixu fil-post ta' enumerazzjoni għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar, huma kkunsidrati bħala temporanjament preżenti u għaldaqstant m'humiex meqjusa fl-għadd tal-popolazzjoni totali tar-residenti tas-soltu.

| Żona ġeografika (1) | | | | | GEO.N. | GEO.L. | GEO.M. | GEO.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total (fit-territorju tal-Istat Membru) | | | | 0. | 0. | 0. | 0. |
| x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 1 fl-Istat Membru | | | | | x. | x. | x. |
| | x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 2 fl-Istat Membru | | | | x.x. | x.x. | x.x. |
| | | x.x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 3 fl-Istat Membru | | | | x.x.x. | x.x.x. |
| | | | x.x.x.x. | Ir-reġjuni kollha tal-LAU 2 fl-Istat Membru | | | | x.x.x.x. |

(1) Il-kodiċi "x.", "x.x." u "x.x.x." jiddependu fuq il-klassifikazzjoni tan-NUTS, il-kodiċi "x.x.x.x." jiddependi fuq il-klassifikazzjoni tal-LAU validu għall-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 2011. L-annotazzjoni "N" tidentifika l-kategorizzazzjoni li tirreferi għal-livell nazzjonali.

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Żona ġeografika" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni (Post ta' residenza tas-soltu). Jistgħu jintużaw ukoll biex jikkategorizzaw b'mod reġjonali kwalunkwe total li għalih la s-suġġett "Post ta' residenza tas-soltu" u lanqas "Lok tal-post tax-xogħol" ma japplikaw.

Għal kategorizzazzjonijiet ta' "Żona ġeografika" se jintużaw il-verżjonijiet tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistiċi (NUTS) u tal-klassifikazzjoni għall-Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAU) validi fl-1 ta' Jannar 2011.

**Suġġett: Lok tal-post tax-xogħol**

Il-lok tal-post tax-xogħol huwa ż-żona ġeografika fejn persuna li tinsab impjegata fil-preżent tagħmel ix-xogħol tagħha.

Il-post tax-xogħol ta' dawk li l-aktar jaħdmu fid-dar huwa l-istess bħar-residenza tas-soltu tagħhom. It-terminu "taħdem" jirreferi għal xogħol li qed isir minn "persuna impjegata" kif iddefinit mis-suġġett "Stat ta' attività fil-preżent". "L-aktar" li taħdem id-dar tfisser li l-persuna tqatta' l-ħin kollu jew ħafna minnu taħdem id-dar, u inqas żmien, jew xejn, f'post tax-xogħol li mhux id-dar.

| Lok tal-post tax-xogħol (1) | | | | LPW.N. | LPW.L. |
|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. |
| 1. | Fit-territorju tal-Istat Membru | | | 1. | 1. |
| | 1.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 1 fl-Istat Membru | | | 1.x. |
| | | 1.x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 2 fl-Istat Membru | | 1.x.x. |
| 2. | Mhux fit-territorju tal-Istat Membru | | | 2. | 2. |
| 3. | Mhux applikabbli (ma taħdimx) | | | 3. | 3. |

(1) Il-kodiċi "1.x.", u "1.x.x." jiddependu fuq il-klassifikazzjoni tan-NUTS valida għall-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 2011. L-annotazzjoni "N" tidentifika l-kategorizzazzjoni li tirreferi għal-livell nazzjonali.

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Lok tal-post tax-xogħol" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Għall-kategorizzazzjonijiet ta' "Lok tal-post tax-xogħol" se tintuża l-verżjoni tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistiċi (NUTS) valida fl-1 ta' Jannar 2011.

**Suġġett: Lokalità**

Lokalità hija ddefinita bħala raggruppament ta' popolazzjoni distinta, li hija żona ddefinita minn popolazzjoni f'bini tal-avviċinat jew li jmiss ma' xulxin. Bini bħal dan jista' jew:

(a) jifforma żona mibnija kontinwament b'formazzjoni ta' triq li faċilment tintgħaraf; jew

(b) għalkemm mhux parti minn żona mibnija bħal din, jinkludi grupp ta' bini li miegħu jitwaħħal b'mod uniku isem ta' post li jkun magħruf lokalment; jew

(c) għalkemm ma jissodisfa l-ebda waħda miż-żewġ kriterji ta' hawn fuq, jikkostitwixxi grupp ta' bini, li l-ebda wieħed minnhom ma jkun separat mill-ġar l-aktar qrib tiegħu b'aktar minn 200 metru.

Fl-applikazzjoni ta' din id-definizzjoni, ċerti kategoriji tal-użu tal-art ma għandhomx jitqiesu li qed itellfu l-kontinwità taż-żona mibnija. Dawn il-kategoriji jinkludu: bini u faċilitajiet industrijali u kummerċjali, ġonna pubbliċi, grawnds tal-logħob u ġonna, għelieqi fejn jintlagħab il-futbol u faċilitajiet oħra tal-isports, xmajjar li fihom pont, linji tal-ferrovija, kanali, postijiet tal-parkeġġ u infrastruttura oħra tat-trasport, zuntieri tal-knejjes u ċimiterji.

Reġjuni LAU 2 b'popolazzjoni totali ta' inqas minn 2 000 jistgħu jiġu preżunti li jkunu lokalità waħda.

Abitanti ta' lokalità huma ddefiniti bħala persuni li għandhom ir-residenza tas-soltu tagħhom f'dik il-lokalità.

Bini mxerred għandu jiġi allokat fil-kategorija li tirrappreżenta n-numru ta' persuni li għandhom ir-residenza tas-soltu tagħhom fil-bini.

| | Daqs tal-lokalità | LOK. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | 1 000 000 abitant jew aktar | 1. |
| 2. | 500 000 - 999 999 abitant | 2. |
| 3. | 200 000 – 499 999 abitant | 3. |
| 4. | 100 000 – 199 999 abitant | 4. |
| 5. | 50 000 – 99 999 abitant | 5. |
| 6. | 20 000 – 49 999 abitant | 6. |
| 7. | 10 000 19 999 abitant | 7. |
| 8. | 5 000 – 9 999 abitant | 8. |
| 9. | 2 000 – 4 999 abitant | 9. |
| 10. | 1 000 – 1 999 abitant | 10. |
| 11. | 500 – 999 abitant | 11. |
| 12. | 200 – 499 abitant | 12. |
| 13. | inqas minn 200 abitant | 13. |

Il-kategorizzazzjoni "Daqs tal-lokalità" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali ta' unitajiet li jistgħu jinsabu fil-"lokalitajiet", inkluż kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

**Suġġett: Sess**

| | Sess | SESS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Maskili | 1. |
| 2. | Femminili | 2. |

Il-kategorizzazzjoni "Sess" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

**Suġġett: Età**

Għandha tiġi rrappurtata l-età li wieħed għalaq sad-data ta' riferenza (l-età fi snin kompjuti).

| | Età | ETÀ.L. | ETÀ.M. | ETÀ.H. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | 0. | 0. | 0. |
| 1. | taħt il-15-il sena | 1. | 1. | 1. |
| 1.1. | taħt il-ħames snin | | 1.1. | 1.1. |
| 1.1.1 | taħt is-sena | | | 1.1.1 |
| 1.1.2. | sena | | | 1.1.2. |
| 1.1.3. | sentejn | | | 1.1.3. |
| 1.1.4. | tliet snin | | | 1.1.4. |
| 1.1.5. | erba' snin | | | 1.1.5. |
| 1.2. | ħames sa disa' snin | | 1.2. | 1.2. |

| Età | | | | ETÀ.L. | ETÀ.M. | ETÀ.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1.2.1. | ħames snin | | | 1.2.1. |
| | | 1.2.2. | sitt snin | | | 1.2.2. |
| | | 1.2.3. | seba’ snin | | | 1.2.3. |
| | | 1.2.4. | tmien snin | | | 1.2.4. |
| | | 1.2.5. | disa’ snin | | | 1.2.5. |
| | 1.3. | għaxra sa 14-il sena | | | 1.3. | 1.3. |
| | | 1.3.1. | 10 snin | | | 1.3.1. |
| | | 1.3.2. | 11-il sena | | | 1.3.2. |
| | | 1.3.3. | 12-il sena | | | 1.3.3. |
| | | 1.3.4. | 13-il sena | | | 1.3.4. |
| | | 1.3.5. | 14-il sena | | | 1.3.5. |
| 2. | 15 sa 29 sena | | | 2. | 2. | 2. |
| | 2.1. | 15 sa 19-il sena | | | 2.1. | 2.1. |
| | | 2.1.1. | 15-il sena | | | 2.1.1. |
| | | 2.1.2. | 16-il sena | | | 2.1.2. |
| | | 2.1.3. | 17-il sena | | | 2.1.3. |
| | | 2.1.4. | 18-il sena | | | 2.1.4. |
| | | 2.1.5. | 19-il sena | | | 2.1.5. |
| | 2.2. | 20 sa 24 sena | | | 2.2. | 2.2. |
| | | 2.2.1. | 20 sena | | | 2.2.1. |
| | | 2.2.2. | 21 sena | | | 2.2.2. |
| | | 2.2.3. | 22 sena | | | 2.2.3. |
| | | 2.2.4. | 23 sena | | | 2.2.4. |
| | | 2.2.5. | 24 sena | | | 2.2.5. |
| | 2.3. | 25 sa 29 sena | | | 2.3. | 2.3. |
| | | 2.3.1. | 25 sena | | | 2.3.1. |
| | | 2.3.2. | 26 sena | | | 2.3.2. |
| | | 2.3.3. | 27 sena | | | 2.3.3. |
| | | 2.3.4. | 28 sena | | | 2.3.4. |
| | | 2.3.5. | 29 sena | | | 2.3.5. |
| 3. | 30 sa 49 sena | | | 3. | 3. | 3. |
| | 3.1. | 30 sa 34 sena | | | 3.1. | 3.1. |
| | | 3.1.1. | 30 sena | | | 3.1.1. |
| | | 3.1.2. | 31 sena | | | 3.1.2. |
| | | 3.1.3. | 32 sena | | | 3.1.3. |
| | | 3.1.4. | 33 sena | | | 3.1.4. |
| | | 3.1.5. | 34 sena | | | 3.1.5. |
| | 3.2. | 35 sa 39 sena | | | 3.2. | 3.2. |
| | | 3.2.1. | 35 sena | | | 3.2.1. |
| | | 3.2.2. | 36 sena | | | 3.2.2. |
| | | 3.2.3. | 37 sena | | | 3.2.3. |
| | | 3.2.4. | 38 sena | | | 3.2.4. |
| | | 3.2.5. | 39 sena | | | 3.2.5. |
| | 3.3. | 40 sa 44 sena | | | 3.3. | 3.3. |
| | | 3.3.1. | 40 sena | | | 3.3.1. |

| Età | | | | ETÀ.L. | ETÀ.M. | ETÀ.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 3.3.2. | 41 sena | | | 3.3.2. |
| | | 3.3.3. | 42 sena | | | 3.3.3. |
| | | 3.3.4. | 43 sena | | | 3.3.4. |
| | | 3.3.5. | 44 sena | | | 3.3.5. |
| | 3.4. | 45 sa 49 sena | | | 3.4. | 3.4. |
| | | 3.4.1. | 45 sena | | | 3.4.1. |
| | | 3.4.2. | 46 sena | | | 3.4.2. |
| | | 3.4.3. | 47 sena | | | 3.4.3. |
| | | 3.4.4. | 48 sena | | | 3.4.4. |
| | | 3.4.5. | 49 sena | | | 3.4.5. |
| 4. | 50 sa 64 sena | | | 4. | 4. | 4. |
| | 4.1. | 50 sa 54 sena | | | 4.1. | 4.1. |
| | | 4.1.1. | 50 sena | | | 4.1.1. |
| | | 4.1.2. | 51 sena | | | 4.1.2. |
| | | 4.1.3. | 52 sena | | | 4.1.3. |
| | | 4.1.4. | 53 sena | | | 4.1.4. |
| | | 4.1.5. | 54 sena | | | 4.1.5. |
| | 4.2. | 55 sa 59 sena | | | 4.2. | 4.2. |
| | | 4.2.1. | 55 sena | | | 4.2.1. |
| | | 4.2.2. | 56 sena | | | 4.2.2. |
| | | 4.2.3. | 57 sena | | | 4.2.3. |
| | | 4.2.4. | 58 sena | | | 4.2.4. |
| | | 4.2.5. | 59 sena | | | 4.2.5. |
| | 4.3. | 60 sa 64 sena | | | 4.3. | 4.3. |
| | | 4.3.1. | 60 sena | | | 4.3.1. |
| | | 4.3.2. | 61 sena | | | 4.3.2. |
| | | 4.3.3. | 62 sena | | | 4.3.3. |
| | | 4.3.4. | 63 sena | | | 4.3.4. |
| | | 4.3.5. | 64 sena | | | 4.3.5. |
| 5. | 65 sa 84 sena | | | 5. | 5. | 5. |
| | 5.1. | 65 sa 69 sena | | | 5.1. | 5.1. |
| | | 5.1.1. | 65 sena | | | 5.1.1. |
| | | 5.1.2. | 66 sena | | | 5.1.2. |
| | | 5.1.3. | 67 sena | | | 5.1.3. |
| | | 5.1.4. | 68 sena | | | 5.1.4. |
| | | 5.1.5. | 69 sena | | | 5.1.5. |
| | 5.2. | 70 sa 74 sena | | | 5.2. | 5.2. |
| | | 5.2.1. | 70 sena | | | 5.2.1. |
| | | 5.2.2. | 71 sena | | | 5.2.2. |
| | | 5.2.3. | 72 sena | | | 5.2.3. |
| | | 5.2.4. | 73 sena | | | 5.2.4. |
| | | 5.2.5. | 74 sena | | | 5.2.5. |
| | 5.3. | 75 sa 79 sena | | | 5.3. | 5.3. |
| | | 5.3.1. | 75 sena | | | 5.3.1. |
| | | 5.3.2. | 76 sena | | | 5.3.2. |

| Età | | | | ETÀ.L. | ETÀ.M. | ETÀ.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 5.3.3. | 77 sena | | | 5.3.3. |
| | | 5.3.4. | 78 sena | | | 5.3.4. |
| | | 5.3.5. | 79 sena | | | 5.3.5. |
| | 5.4. | 80 sa 84 sena | | | 5.4. | 5.4. |
| | | 5.4.1. | 80 sena | | | 5.4.1. |
| | | 5.4.2. | 81 sena | | | 5.4.2. |
| | | 5.4.3. | 82 sena | | | 5.4.3. |
| | | 5.4.4. | 83 sena | | | 5.4.4. |
| | | 5.4.5. | 84 sena | | | 5.4.5. |
| 6. | 85 sena u aktar | | | 6. | 6. | 6. |
| | 6.1. | 85 sa 89 sena | | | 6.1. | 6.1. |
| | | 6.1.1. | 85 sena | | | 6.1.1. |
| | | 6.1.2. | 86 sena | | | 6.1.2. |
| | | 6.1.3. | 87 sena | | | 6.1.3. |
| | | 6.1.4. | 88 sena | | | 6.1.4. |
| | | 6.1.5. | 89 sena | | | 6.1.5. |
| | 6.2. | 90 sa 94 sena | | | 6.2. | 6.2. |
| | | 6.2.1. | 90 sena | | | 6.2.1. |
| | | 6.2.2. | 91 sena | | | 6.2.2. |
| | | 6.2.3. | 92 sena | | | 6.2.3. |
| | | 6.2.4. | 93 sena | | | 6.2.4. |
| | | 6.2.5. | 94 sena | | | 6.2.5. |
| | 6.3. | 95 sa 99 sena | | | 6.3. | 6.3. |
| | | 6.3.1. | 95 sena | | | 6.3.1. |
| | | 6.3.2. | 96 sena | | | 6.3.2. |
| | | 6.3.3. | 97 sena | | | 6.3.3. |
| | | 6.3.4. | 98 sena | | | 6.3.4. |
| | | 6.3.5. | 99 sena | | | 6.3.5. |
| | 6.4. | 100 sena u aktar | | | 6.4. | 6.4. |

Il-kategorizzazzjonijiet tas-"Sess" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

**Suġġett: Stat ċivili legali**

Status ċivili huwa ddefinit bħala l-istat konjugali (legali) ta' individwu fir-rigward tar-regoli (jew użanzi) taż-żwieġ tal-pajjiż (jiġifieri l-istat *de jure*).

Persuna għandha tiġi kklassifikata skont l-istat ċivili tagħha li nkiseb l-aktar riċenti fid-data tar-riferenza.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dejta fuq sħubijiet irreġistrati jekk huma għandhom xi qafas legali li jirregola l-isħubijiet li:

(a) jwasslu għal obbligi konjugali legali bejn żewġ persuni, u

(b) m'humiex żwiġijiet, u

(c) jeskludu persuna li hi miżżewġa jew li għandha obbligi legali li jirriżultaw minn tali sħubija fil-preżent milli, fl-istess żmien, tikkommetti lilha nnifisha għal kwalunkwe obbligu legali li jirriżulta minn żwieġ ġdid jew tali sħubija oħra ma' persuna differenti.

| | Stat ċivili legali | | LMS. |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Qatt ma kien/et miżżewweġ/miżżewġa u qatt ma kien/et fi sħubija rreġistrata | | 1. |
| 2. | Miżżewweġ/Miżżewġa | | 2. |
| | 2.1. | Miżżewweġ/miżżewġa ma' persuna tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | 2.1. |
| | 2.2. | Miżżewweġ/miżżewġa ma' persuna tal-istess sess (mhux obbligatorja) | 2.2. |
| 3. | Armel/armla (u ma żżewwiġx/żżewġitx mill-ġdid jew qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata) | | 3. |
| 4. | Iddivorzjat/iddivorzjata (u ma żżewwiġx/żżewġitx mill-ġdid jew qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata) | | 4. |
| 5. | Qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata | | 5. |
| | 5.1. | Qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata ma' persuna tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | 5.1. |
| | 5.2. | Qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata ma' persuna tal-istess sess (mhux obbligatorja) | 5.2. |
| 6. | Sħubija rreġistrata spiċċat mal-mewt tas-sieħeb/sieħba (u mhux miżżewweġ/miżżewġa jew qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata ġdida) | | 6. |
| 7. | Sħubija rreġistrata li legalment ġiet xolta (u mhux miżżewweġ/miżżewġa jew qiegħed/qiegħda fi sħubija rreġistrata ġdida) | | 7. |
| 8. | Mhux imniżżla | | 8. |

Il-kategorizzazzjoni "Stat ċivili legali" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Fi Stati Membri fejn il-leġislazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet għal koppji miżżewġa li jkunu "separati legalment", persuni "legalment separati" bħal dawn għandhom ikunu kklassifikati taħt "Miżżewweġ/Miżżewġa" (LMS.2.).

**Suġġett: Stat ta' attività fil-preżent**

"Stat ta' attività fil-preżent" hija r-relazzjoni fil-preżent ta' persuna mal-attività ekonomika, ibbażata fuq perjodu ta' riferenza ta' ġimgħa, li jista' kun jew speċifikat, riċenti, fiss, ġimgħa kalendarja, jew l-aħħar ġimgħa kalendarja sħiħa, jew l-aħħar sebat ijiem qabel l-enumerazzjoni.

Il-"popolazzjoni li fil-preżent hija ekonomikament attiva" tinkludi l-persuni kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-inklużjoni fost l-impjegati jew il-qiegħda.

Persuni "*impjegati*" jinkludu l-persuni kollha li għandhom 15-il sena jew aktar li matul il-ġimgħa ta' riferenza:

(a) għamlu minn tal-inqas siegħa xogħol għal paga jew profitt, fi flus jew f'mod mhux finanzjarju, jew

(b) kienu temporanjament assenti minn xogħol li kienu diġà jaħdmu fih u li miegħu żammew rabta formali, jew minn attività ta' xogħol għal rashom.

Ħaddiema li temporanjament ma kenux ix-xogħol għandhom jiġu kkunsidrati li qegħdin f'impjieg bi ħlas ġaladarba kellhom rabta max-xogħol b'mod formali. Ir-raġunijiet possibbli għal tali assenzi temporanji huma:

(a) mard jew inġurja; jew

(b) btala jew vaganza; jew

(c) strajk jew ġew imsakkra barra; jew

(d) lif għal skopijiet ta' edukazzjoni jew taħriġ; jew

(e) lif tal-maternità jew tal-ġenituri; jew

(f) tnaqqis fl-attività ekonomika; jew

(g) disorganizzazzjoni temporanja jew sospensjoni mix-xogħol minħabba raġunijiet bħal temp ħażin, ħsara mekkanika jew elettrika, jew nuqqas ta' materji primi jew fjuwils; jew

(h) Assenza oħra temporanja b'lif jew mingħajru.

Ir-rabta formali max-xogħol għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' kriterji jew aktar li ġejjin:

(a) riċeviment kontinwu ta' paga jew salarju; jew

(b) assigurazzjoni li l-persuna tista' tirritorna għax-xogħol wara t-tmien tal-kontinġenza, jew ftehim rigward id-data tar-ritorn; jew

(c) it-tul taż-żmien tal-assenza mill-impjieg li, fejn relevanti, jista' jkun dak it-tul ta' żmien li għalih il-ħaddiema jistgħu jirċievu benefiċċji ta' kumpens mingħajr obbligi li jaċċettaw xogħlijiet oħra.

Persuni li huma impjegati għal rashom (esklużi ħaddiema tal-familja li jikkontribwixxu) għandhom jiġu kkunsidrati bħala "impjegati", jekk ħadmu b'dan il-mod matul il-ġimgħa ta' riferenza jew jekk huma temporanjament assenti mix-xogħol u fil-frattemp l-intrapriża tagħhom tkompli teżisti.

Ħaddiema tal-familja li jikkontribwixxu għandhom jiġu kkunsidrati bħala "impjegati", jekk ħadmu b'dan il-mod matul il-ġimgħa ta' riferenza.

Il-"*qiegħda*" jinkludu l-persuni kollha li għandhom 15-il sena jew aktar li kienu:

(a) "mingħajr xogħol", jiġifieri, li ma kienux f'impjieg bil-paga jew f'xogħol għal rashom matul il-ġimgħa ta' riferenza; u

(b) "fil-preżent huma disponibbli għal xogħol", jiġifieri, li kienu disponibbli għal impjieg bil-paga jew għal xogħol għal rashom matul il-ġimgħa ta' riferenza u għal ġimgħatejn wara dik; u

(c) "ifittxu xogħol", jiġifieri, ħadu passi sinifikanti biex ifittxu xogħol bil-paga jew xogħol għal rashom fi żmien erba' ġimgħat li jispiċċaw mal-ġimgħa ta' riferenza.

Il-kategorija "Fil-preżent m'humiex ekonomikament attivi" tinkludi persuni taħt l-età minima nazzjonali għall-attività ekonomika.

Meta jkun qed jiġi attribwit stat wieħed ta' attività lil kull persuna, għandha tingħata prijorità lill-istat ta' "impjegat/a" bi preferenza għal "qiegħed/qiegħda", u lill-istat ta' "qiegħed/qiegħda" bi preferenza għal "mhux ekonomikament attiv/a".

| Stat ta' attività fil-preżent | | | | CAS.L. | CAS.H. |
|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. |
| 1. | Fil-preżent ekonomikament attiv/a | | | 1. | 1. |
| | 1.1. | Impjegat/a | | 1.1. | 1.1. |
| | 1.2. | Qiegħed/qiegħda | | 1.2. | 1.2. |
| | | 1.2.1. | Qiegħed/qiegħda, qabel kien/et impjegat/a | | 1.2.1. |
| | | 1.2.2. | Qiegħed/qiegħda, qatt ma ħadem/ħadmet qabel | | 1.2.2. |
| 2. | Fil-preżent m'humiex ekonomikament attiv/a | | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Persuni taħt l-età minima nazzjonali għall-attività ekonomika | | | 2.1. |
| | 2.2. | Reċipjenti tal-pensjoni jew ta' dħul kapitali | | | 2.2. |
| | 2.3. | Studenti (m'humiex ekonomikament attivi) | | | 2.3. |
| | 2.4. | Persuni li jaħdmu ġod-dar u oħrajn | | | 2.4. |
| | | 2.4.1. | Persuni li jaħdmu ġod-dar (mhux obbligatorja) | | 2.4.1. |
| | | 2.4.2. | Oħrajn (mhux obbligatorja) | | 2.4.2. |
| 3. | Mhux imniżżla | | | 3. | 3. |

Il-kategorizzazzjonijiet għall-"Istat ta' attività fil-preżent" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Meta jkun qed jiġi attribwit stat wieħed ta' attività lil kull persuna li fil-preżent m'hijiex ekonomikament attiva, għandha tingħata prijorità lill-istat tal-"Persuni taħt l-età minima nazzjonali għal attività ekonomika" bi preferenza għal "Reċipjenti tal-pensjoni jew ta' dħul kapitali", lill-istat tar-"Reċipjenti tal-pensjoni jew ta' dħul kapital" bi preferenza għall-"Istudenti (m'humiex ekonomikament attivi)", u lill-"Istudenti (m'humiex ekonomikament attivi)" bi preferenza għal "Persuni li jaħdmu ġod-dar u oħrajn".

Il-kategorija "Studenti (m'humiex ekonomikament attivi)" (CAS.H.2.3.) għandha għaldaqstant tinkludi studenti tal-edukazzjoni sekondarja u terzjarja li:

— kisbu l-età minima nazzjonali għal attività ekonomika jew akbar, u

— m'humiex ekonomikament attivi, u

— m'humiex reċipjenti ta' pensjoni jew ta' dħul kapitali.

**Suġġett: Xogħol**

"Xogħol" jirreferi għat-tip tax-xogħol li jsir f'impjieg. "Tip ta' xogħol" huwa deskritt mix-xogħlijiet ewlenin u l-obbligi tax-xogħol.

L-allokazzjoni ta' persuna fil-kategorizzazzjonijiet tas-suġġetti "Xogħol", "Industrija" u "Stat fl-impjieg" għandhom jiġu bbażati fuq l-istess xogħol. Persuni li jkunu qed jagħmlu aktar minn xogħol wieħed għandhom jiġu allokati xogħol ibbażat fuq ix-xogħol ewlieni tagħhom li se jkun identifikat skont:

(1) iż-żmien li persuna għamlet f'impjieg jew, jekk mhux disponibbli,

(2) id-dħul li persuna rċeviet.

| | Xogħol | OCC. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Maniġers | 1. |
| 2. | Professjonisti | 2. |
| 3. | Professjonisti tekniċi u assoċjati | 3. |
| 4. | Ħaddiema li jagħtu appoġġ klerikali | 4. |
| 5. | Ħaddiema involuti fil-qasam tas-servizzi u tal-bejgħ | 5. |
| 6. | Ħaddiema tas-sengħa fl-agrikoltura, forestrija u sajd | 6. |
| 7. | Ħaddiema tas-sengħa u dawk involuti fi snajja relatati | 7. |
| 8. | Operaturi u muntaturi tal-impjanti u l-magni | 8. |
| 9. | Xogħlijiet elementari | 9. |
| 10. | Xogħlijiet fil-forzi armati | 10. |
| 11. | Mhux imniżżla | 11. |
| 12. | Mhux applikabbli | 12. |

Il-kategorizzazzjoni "Xogħol" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Persuni li għandhom 15-il sena jew aktar li kienu:

— impjegati matul il-ġimgħa ta' riferenza, jew

— qiegħda matul il-ġimgħa ta' riferenza, iżda li fl-imgħoddi kienu impjegati

għandhom jiġu kklassifikati taħt kategorija waħda biss ta' OCC.1. sa OCC.11., skont ix-xogħol li kellhom matul l-aħħar impjieg tagħhom. Il-kategoriji OCC.1. sa OCC.10. tal-kategorizzazzjoni "Xogħol" iniżżlu l-10 gruppi maġġuri tal-klassifikazzjoni ISCO-08 (COM).

Jekk id-denominazzjoni tal-kategoriji tal-klassifikazzjoni ISCO (COM) fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011 tiddevja minn dik imniżżla fil-kategoriji ta' OCC.1 sa OCC.10., għandha tintuża d-denominazzjoni tal-klassifikazzjoni ISCO (COM) fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

Persuni taħt l-età ta' 15-il sena, kif ukoll persuni li għandhom 15-il sena jew aktar li:

— ma kienux ekonomikament attivi matul il-ġimgħa ta' riferenza, jew

— kienu qiegħda, qatt ma ħadmu qabel (jiġifieri qatt ma kienu impjegati f'ħajjithom)

għandhom ikunu kklassifikati taħt "Mhux applikabbli" (OCC.12.).

**Suġġett: Industrija (fergħa ta' attività ekonomika)**

"Industrija (fergħa ta' attività ekonomika)" tirreferi għat-tip ta' produzzjoni jew attività tal-istabbiliment jew unità simili fejn jinsab l-impjieg ta' persuna li fil-preżent hi ekonomikament attiva. Għal persuni li huma ngaġġati u impjegati minn intrapriża waħda iżda li attwalment għandhom il-post tax-xogħol tagħhom f'intrapriża oħra ("ħaddiema tal-aġenziji", "ħaddiema ssekondati") għandha titniżżel l-industrija (fergħa tal-attività ekonomika) tal-istabbiliment jew unità simili fejn il-post tax-xogħol attwalment jinsab.

L-allokazzjoni ta' persuna fil-kategorizzazzjonijiet tas-suġġetti "Xogħol", "Industrija" u "Stat fl-impjieg" għandhom jiġu bbażati fuq l-istess impjieg. Persuni li jkunu qed jkollhom aktar minn impjieg wieħed għandhom jiġu allokati industrija (fergħa tal-attività ekonomika) ibbażata fuq l-impjieg ewlieni tagħhom li għandu jkun identifikat skont:

— iż-żmien li persuna għamlet f'impjieg jew, jekk mhux disponibbli,

— id-dħul li persuna rċeviet.

| Industrija (fergħa ta' attività ekonomika) | | | IND.L. | IND.H. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. | 0. |
| 1. | Agrikoltura, forestrija u sajd | | 1. | 1. |
| 2. | Manifatturar, xogħol fil-minjieri u fil-barrieri, u industrija oħra | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Xogħol fil-minjieri u fil-barrieri | | 2.1. |
| | 2.2. | Manifatturar | | 2.2. |
| | 2.3. | Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkondizzjonata | | 2.3. |
| | 2.4. | Provvista tal-ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni | | 2.4. |
| 3. | Bini | | 3. | 3. |
| 4. | Negozju bl-ingrossa u bl-imnut, trasport u ħażna, akkomodazzjoni u attivitajiet tas-servizz marbuta mal-ikel | | 4. | 4. |
| | 4.1. | Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi | | 4.1. |
| | 4.2. | Trasport u ħażna | | 4.2. |
| | 4.3. | Akkommodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi marbuta mal-ikel | | 4.3. |
| 5. | Informazzjoni u komunikazzjoni | | 5. | 5. |
| 6. | Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni | | 6. | 6. |
| 7. | Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli | | 7. | 7. |
| 8. | Attivitajiet ta' servizz professjonali, xjentifiku, tekniku, amministrattiv u ta' sostenn | | 8. | 8. |
| | 8.1. | Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi | | 8.1. |
| | 8.2. | Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn | | 8.2. |
| 9. | Attivitajiet relatati ma' amministrazzjoni pubblika, mad-difiża, mal-edukazzjoni, mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali | | 9. | 9. |
| | 9.1. | Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja | | 9.1. |
| | 9.2. | Edukazzjoni | | 9.2. |
| | 9.3. | Attivitajiet relatati mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali | | 9.3. |
| 10. | Servizzi oħra | | 10. | 10. |
| | 10.1. | Arti, divertiment u rikreazzjoni | | 10.1. |
| | 10.2. | Attivitajiet oħra ta' servizz | | 10.2. |
| | 10.3. | Attivitajiet tan-nies kollha li jgħixu f'dar bħala persuni li jħaddmu; attivitajiet ta' produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux iddifferenzjati għall-użu tal-individwu stess | | 10.3. |
| | 10.4. | Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali | | 10.4. |
| 11. | Mhux imniżżla | | 11. | 11. |
| 12. | Mhux applikabbli | | 12. | 12. |

Il-kategorizzazzjoni "Industrija" (fergħa ta' attività ekonomika) hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Persuni li għandhom 15-il sena jew aktar li kienu:

— impjegati matul il-ġimgħa ta' riferenza, jew

— qiegħda matul il-ġimgħa ta' riferenza, iżda li fl-imgħoddi kienu impjegati

għandhom ikunu kklassifikati f'IND.L.1 sa IND.L.10., u IND.H.1. sa IND.H.10.4. rispettivament, skont l-industrija li ħadmu fiha matul l-aktar impjieg riċenti tagħhom. Il-kategoriji IND.H.1. sa IND.H.10.4. tal-kategorija "Industrija (fergħa tal-attività ekonomika)" inizżlu l-21 taqsima tal-klassifikazzjoni tan-NACE Rev. 2 u ta' aggregati xierqa.

Jekk id-denominazzjoni tal-kategoriji tal-klassifikazzjoni tan-NACE fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011 tiddevja minn dik imniżżla fil-kategorija "Industrija (fergħa tal-attività ekonomika)", għandha tintuża d-denominazzjoni tal-klassifikazzjoni tan-NACE fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

Persuni taħt l-età ta' 15-il sena, kif ukoll persuni li għandhom 15-il sena jew aktar li:

— ma kienux ekonomikament attivi matul il-ġimgħa ta' riferenza, jew

— kienu qiegħda, u qatt ma ħadmu qabel (jiġifieri qatt ma kienu impjegati f'ħajjithom)

għandhom ikunu kklassifikati taħt "Mhux applikabbli" (IND.L.12., IND.H.12.).

**Suġġett: -Stat ta' impjieg**

"*Impjegat/a*" hija persuna li taħdem "f'impjieg bi ħlas", jiġifieri impjieg fejn il-kuntratt tax-xogħol, espliċitu jew impliċitu, jagħtiha rinumerazzjoni bażika, li hija indipendenti mid-dħul tal-unità li magħha tkun taħdem (din l-unità tista' tkun korporazzjoni, istituzzjoni li ma taħdimx għal profitt, unità tal-gvern jew in-nies kollha li jgħixu f'dar). Persuni li qegħdin "f'impjiegi bi ħlas" huma tipikament irrinumerati b'pagi u salarji, iżda jistgħu jkunu mħallsa b'kummissjoni mill-bejgħ, skont ir-rati għax-xogħol magħmul, bonusijiet jew f'pagament mhux finanzjarju bħall-ikel, akkomodazzjoni jew taħriġ. Xi għud mill-għodda, tagħmir kapitali, sistemi ta' informazzjoni u/jew stabbilimenti, użati mill-operatur jew kollha kemm huma jistgħu jkunu proprjetà ta' ħaddieħor, u l-operatur jista' jaħdem taħt is-superviżjoni diretta ta', jew b'konformità mal-linji gwida stretti stabbiliti mis-sid(ien) jew minn persuni li jkunu fl-impjieg tas-sidien.

"*Min iħaddem*" hija persuna, li taħdem għaliha waħidha jew ma' numru żgħir ta' msieħba, li għandha xogħol "għal rasha" u, li f'din il-kapaċità, fuq bażi kontinwa (inkluża l-ġimgħa ta' riferenza) ingaġġat persuna waħda jew aktar biex taħdem għaliha bħala "impjegati". L-operatur jieħu d-deċiżjonijiet operattivi li jaffettwaw lill-intrapriża, jew jiddelega deċiżjonijiet bħal dawn waqt li jżomm ir-responsabbilità għall-ġid tal-intrapriża.

Jekk persuna hija kemm *min iħaddem* u anki *impjegat/a*, hi għandha tiġi allokata fi grupp wieħed biss skont:

— iż-żmien li persuna għamlet fl-impjieg jew, jekk mhux disponibbli,

— id-dħul li l-persuna rċeviet.

"*Impjegat/a li jaħdem/taħdem għalih/a waħdu/waħidha*" hija persuna li, meta taħdem għaliha waħidha jew ma' msieħeb jew xi ftit imsieħba, ikollha xogħol "għal rasha" u ma tkunx ingaġġat, fuq bażi kontinwa (inkluża l-ġimgħa ta' riferenza), kwalunkwe "impjegati".

"*Ħaddiem tal-familja li jikkontribwixxi*" hija persuna li

— jkollha "impjieg għal rasha" fi stabbiliment li hu orjentat lejn is-suq li jithaddem minn persuna relatata, li tagħmel parti min-nies li jgħixu fl-istess dar, u

— ma tistax tiġi kkunsidrata bħala msieħeb (jiġifieri min iħaddem jew ħaddiem li jaħdem għalih waħdu) billi l-livell ta' impenn għall-ħidma tal-istabbiliment, f'termini ta' żmien ta' xogħol jew fatturi oħra li għandhom ikunu ddeterminati minn ċirkostanzi nazzjonali, m'huwiex f'livell li jista' jitqabbel ma' dak ta' kap ta' stabbiliment.

"*Membru ta' kooperattiva ta' produtturi*" hija persuna li għandha xogħol "għal rasha" fi stabbiliment organizzat bħala kooperattiva, fejn kull membru jieħu sehem b'mod indaqs ma' membri oħra fid-determinazzjoni tal-organizazzjoni tal-produzzjoni, bejgħ u/jew xogħol ieħor, l-investiment u t-tqassim tal-profitti fost il-membri.

L-allokazzjoni ta' persuna fil-kategorizzazzjonijiet tas-suġġetti "Xogħol", "Industrija" u "Stat ta' impjieg" għandhom jiġu bbażati fuq l-istess impjieg. Persuni li jkollhom aktar aktar minn impjieg wieħed għandhom jiġu allokati stat f'impjieg ibbażat fuq ix-xogħol ewlieni tagħhom, li se jkun identifikat skont:

— iż-żmien li persuna għamlet ix-xogħol jew, jekk mhux disponibbli,

— id-dħul li persuna rċeviet.

| Stat ta' impjieg | | | SIE. |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Impjegati | | 1. |
| 2. | Min iħaddem | | 2. |
| 3. | Ħaddiema li jaħdmu għalihom waħidhom | | 3. |
| 4. | Oħrajn ("Ħaddiema tal-familja li jikkontribwixxu" u "Membri tal-kooperattivi tal-produtturi") | | 4. |
| | 4.1. | Ħaddiema tal-familja li jikkontribwixxu (mhux obbligatorja) | 4.1. |
| | 4.2. | Membri tal-kooperattivi tal-produtturi (mhux obbligatorja) | 4.2. |
| 5. | Mhux imniżżla | | 5. |
| 6. | Mhux applikabbli | | 6. |

Il-kategorizzazzjoni "Stat ta' impjieg" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Persuni li għandhom 15-il sena jew aktar li kienu:

— impjegati matul il-ġimgħa ta' riferenza, jew

— qiegħda matul il-ġimgħa ta' riferenza, iżda li fl-imgħoddi kienu impjegati

għandhom jiġu kklassifikati taħt kategorija waħda biss ta' SIE.1 sa SIE.5., b'konformità mal-istat ta' impjieg matul l-aħħar impjieg riċenti tagħhom.

Persuni taħt l-età ta' 15-il sena, kif ukoll persuni li għandhom 15-il sena jew aktar li:

— ma kienux ekonomikament attivi matul il-ġimgħa ta' riferenza, jew

— kienu qiegħda, u qatt ma ħadmu qabel (jiġifieri qatt ma kienu impjegati f'ħajjithom)

għandhom ikunu klassifikati taħt "Mhux applikabbli" (SIE.6.).

**Suġġett: Livell milħuq fl-edukazzjoni**

Livell milħuq fl-edukazzjoni jirreferi għall-ogħla livell li tlesta b'suċċess fis-sistema edukattiva tal-pajjiż fejn il-persuna rċeviet l-edukazzjoni tagħha. L-edukazzjoni kollha li hi rilevanti għat-tlestija ta' livell għandha titqies anki jekk din kienet ipprovduta barra l-iskejjel u l-universitajiet.

| Livell milħuq fl-edukazzjoni (l-ogħla livell li tlesta) | | EDU. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | L-ebda edukazzjoni formali | 1. |
| 2. | ISCED Livell 1. Edukazzjoni primarja | 2. |
| 3. | ISCED Livell 2. Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell | 3. |
| 4. | ISCED Livell 3. Edukazzjoni sekondarja ogħla | 4. |
| 5. | ISCED Livell 4. L-edukazzjoni post-sekondarja li mhix terzjarja | 5. |
| 6. | ISCED Livell 5. L-ewwel stadju tal-edukazzjoni terzjarja | 6. |
| 7. | ISCED Livell 6. It-tieni stadju tal-edukazzjoni terzjarja | 7. |
| 8. | Mhux imniżżla (tal-persuni li għandhom 15-il sena jew aktar) | 8. |
| 9. | Mhux applikabbli (persuni li għandhom taħt il-15-il sena) | 9. |

Il-kategorizzazzjoni "Livell milħuq fl-edukazzjoni (l-ogħla livell li tlesta)" hija maħsuba biex tikkategorizza kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Persuni li għandhom 15-il sena jew aktar għandhom ikunu kklassifikati taħt waħda biss mill-kategoriji mill EDU.1. sa EDU.8., skont il-livell milħuq fl-edukazzjoni tagħhom (l-ogħla livell li tlesta). Persuni taħt il-15-il sena għandhom ikunu kklassifikati taħt "Mhux applikabbli" (EDU.9.).

Jekk id-denominazzjoni tal-kategoriji tal-klassifikazzjoni ISCED fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011 tiddevja minn dik imniżżla fil-kategoriji EDU.2. sa EDU.7., għandha tintuża d-denominazzjoni tal-klassifikazzjoni ISCED fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

**Suġġett: Pajjiż/post tat-twelid**

Informazzjoni dwar il-"Post tat-twelid" għandha tingħabar skont il-post ta' residenza tas-soltu tal-omm fiż-żmien tat-twelid, jew, jekk mhux disponibbli, il-post fejn sar it-twelid.

Informazzjoni dwar il-pajjiż tat-twelid għandha tingħabar fuq il-bażi tal-konfini internazzjonali eżistenti fl-1 ta' Jannar 2011.

"Stat Membru tal-UE" tfisser pajjiż li huwa membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2011.

| 2. | Persuni li ma jgħixux f'dar privata | | | | 2. | 2. | 2. |
| | 2.1. | Persuni li jgħixu f'dar istituzzjonali | | | | 2.1. | 2.1. |
| | | 2.1.1. | Persuni li m'humiex parti min-nukleu ta' familja (mhux obbligatorja) | | | | 2.1.1. |
| | | 2.1.2. | Persuni f'nukleu ta' familja (mhux obbligatorja) | | | | 2.1.2. |
| | | | 2.1.2.1. | Sħab (mhux obbligatorja) | | | 2.1.2.1. |
| | | | 2.1.2.2. | Ġenituri waħidhom (mhux obbligatorja) | | | 2.1.2.2. |
| | | | 2.1.2.3. | Tfal (subien/bniet) (mhux obbligatorja) | | | 2.1.2.3. |
| | 2.2. | Persuni li primarjament ma għandhomx dar | | | | 2.2. | 2.2. |
| | 2.3. | Persuni li ma jgħixux f'dar privata, iżda l-kategorija mhix speċifikata | | | | 2.3. | 2.3. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Stat tad-Dar" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Dar li għandha nies li jgħixu flimkien iżda m'humiex familja tista' titqies bħala dar b'persuna waħda (il-persuna qiegħda "Tgħix waħidha" (HST.H.1.2.1.)) jew dar b'aktar minn persuna waħda mingħajr ebda nukleu ta' familja. Il-kategorija "Ma jgħix/tgħix waħdu/waħidha" (HST.H.1.2.2.) tinkludi persuni jew li jgħixu f'dar b'aktar minn persuna waħda mingħajr ebda nukleu ta' familja jew li jgħixu flimkien f'dar u huma familja mingħajr m'huma membri ta' kwalunkwe nukleu ta' familja f'dik id-dar. Persuni li jagħmlu parti minn dar fejn hemm differenza ta' ġenerazzjoni fin-nies li jgħixu fiha u li m'humiex membri tal-ebda nukleu ta' familja f'dik id-dar għandhom jiġu kklassifikati fil-kategorija li mhix obbligatorja "Persuni li jgħixu f'dar ma' qraba" (HST.H.1.2.2.1.).

It-terminu "iben/bint" huwa ddefinit bħala t-terminu "tifel/tifla" fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġett "Stat ta' familja".

"Raġel u mara li huma koppja miżżewġa" tfisser żewġ persuni tas-sess oppost li miżżewġin lil xulxin.

"Sħubija rreġistrata" hija ddefinita bl-istess mod tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-suġġett "Stat ċivili legali". "Unjoni konsenswali" hija ddefinita bl-istess mod tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-suġġett "Stat ta' familja".

Il-kategorija "Sħab" (HST.H.2.1.2.1.) tinkludi "Persuni li huma koppja miżżewġa", "Sħab fi sħubija rreġistrata" u "Sħab f'unjoni konsenswali".

"Persuni li primarjament ma għandhomx dar" (HST.H.2.2.) huma persuni li jgħixu fit-toroq mingħajr għabex li jista' jitqies fl-ambitu ta' postijiet ta' għixien kif iddefinit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-suġġett "Tip ta' postijiet ta' għixien".

**Suġġett: Stat ta' familja**

In-nukleu ta' familja huwa ddefinit f'sens dejjaq, jiġifieri żewġ persuni jew aktar li jagħmlu parti mill-istess dar u li huma raġel u mara miżżewġin lil xulxin, sħab fi sħubija rreġistrata, sħab f'unjoni konsenswali, jew ġenitur u tifel/tifla. Għaldaqstant familja tinkludi koppja mingħajr tfal, jew koppja b'tifel/tifla wieħed/waħda jew aktar, jew ġenitur waħdu b'tifel/tifla wieħed/waħda jew aktar. Dan il-kunċett ta' familja jillimita r-relazzjonijiet bejn tfal u adulti għal relazzjonijiet diretti (l-ewwel grad), jiġifieri bejn ġenituri u tfal.

Tifel/tifla (iben/bint) jirreferi għal tfal diretti, fardsieq jew adottati (irrelevanti mill-età jew mill-istat ċivili) li għandhom ir-residenza tas-soltu fid-dar ta' minn tal-inqas ġenitur wieħed, u li ma għandhomx sieħeb/sieħba jew tfal tagħhom jgħixu fl-istess dar. Tfal tar-rispett (fostered) m'humiex inklużi. Iben jew bint li jgħix/tgħix mal-konjugu tiegħu/tagħha, ma' sieħeb/sieħba irreġistrat/a, ma' sieħeb/sieħba f'unjoni konsenswali, jew ma' tifel/tifla/tfal tagħha/tiegħu, m'huwiex/hijiex ikkunsidrat/a li jkun/tkun tifel/tifla. Tifel/tifla li jalterna/talterna bejn żewġ djar (jekk pereżempju l-ġenituri tiegħu jew tagħha huma ddivorzjati) għandu/għandha jikkunsidra/tikkonsidra l-post fejn iqatta'/tqatta' l-maġġoranza tal-ħin bħala d-dar tiegħu/tagħha. Fejn l-ammont ta' żmien imqatta' maż-żewġ ġenituri huwa l-istess, il-post fejn it-tifel/tifla tinsab fiż-żmien tal-lejl taċ-ċensiment għandu jiġi kkunsidrat bħala d-dar tiegħu/tagħha.

It-terminu koppja għandu jinkludi koppji miżżewġa, koppji fi sħubijiet irreġistrati, u koppji li jgħixu f'unjoni konsenswali. "Sħubija rreġistrata" hija ddefinita bl-istess mod tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-suġġett "Stat ċivili legali".

Żewġ persuni huma kkunsidrati li jkunu sħab f'"unjoni konsenswali" meta huma

— jgħixu fl-istess dar, u

— għandhom relazzjoni ma' xulxin li tixbah dik ta' żwieġ, u

— m'humiex miżżewġin jew fi sħubija rreġistrata ma' xulxin.

"Djar fejn hemm differenza ta' ġenerazzjoni fin-nies li jgħixu fiha" (djar li jikkonsistu f'nannu/nanna jew nanniet u neputi/ja jew neputijiet, iżda l-ebda ġenitur ta' dawk in-neputijiet) m'humiex inklużi fid-definizzjoni ta' familja.

Id-differenza bejn persuni tas-sess oppost li huma koppja u persuni tal-istess sess li huma koppja m'hijiex obbligatorja. "Raġel u mara li huma koppja miżżewġa" tfisser koppja tas-sess oppost li hi miżżewġa.

| Stat ta' familja | | | | FST.L. | FST.H. |
|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. |
| 1. | Sħab | | | 1. | 1. |
| | 1.1. | Persuni li huma koppja miżżewġa | | | 1.1. |
| | | 1.1.1. | Raġel/mara li huma koppja miżżewġa (mhux obbligatorja) | | 1.1.1. |
| | | 1.1.2. | Persuni tal-istess sess li huma koppja miżżewġa (mhux obbligatorja) | | 1.1.2. |
| | 1.2. | Sħab fi sħubija rreġistrata | | | 1.2. |
| | | 1.2.1. | Sħab fi sħubija rreġistrata ma' persuna tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 1.2.1. |
| | | 1.2.2. | Sħab fi sħubija rreġistrata ma' persuna tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 1.2.2. |
| | 1.3. | Sħab f'unjoni konsenswali | | | 1.3. |
| | | 1.3.1. | Sħab f'unjoni konsenswali ma' persuna tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 1.3.1. |
| | | 1.3.2. | Sħab f'unjoni konsenswali ma' persuni tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 1.3.2. |
| 2. | Ġenituri waħidhom | | | 2. | 2. |
| 3. | Tfal (subien/bniet) | | | 3. | 3. |
| | 3.1. | Mhux ta' ġenituri waħidhom (mhux obbligatorja) | | | 3.1. |
| | 3.2. | Ta' ġenituri waħidhom (mhux obbligatorja) | | | 3.2. |
| 4. | Mhux imniżżla | | | 4. | 4. |
| 5. | Mhux applikabbli | | | 5. | 5. |

Il-kategorizzazzjonijiet għal "Stat ta' Familja" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew total parzjali li jirreferi għal persuni.

Il-kategorija "Sħab" (FST.L.1.) tinkludi "Persuni li huma koppja miżżewġa", "Sħab fi sħubija rreġistrata" u "Sħab f'unjoni konsenswali".

Persuni li ma jgħixux f'nukleu ta' familja għandhom ikunu kklassifikati taħt "Mhux applikabbli" (FST.L.5., FST.H.5.).

**Suġġett: Tip ta' nukleu ta' familja**

L-ispeċifikazzjonijiet għal kunċetti ta' familja u d-definizzjonijiet tat-termini "nukleu ta' familja", "tifel/tifla", "koppja" u "unjoni konsenswali" pprovduti għas-suġġett "Stat ta' familja" japplikaw ukoll għas-suġġett "Tip ta' nukleu ta' familja".

| Tip ta' nukleu ta' familja | | | | | TFN.L. | TFN.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | | 0. | 0. |
| 1. | Koppji miżżewġa li huma familji | | | | 1. | 1. |
| | 1.1. | Koppji miżżewġin li għandhom familja u li ma għandhomx tfal jgħixu magħhom | | | | 1.1. |
| | | 1.1.1. | Raġel u mara li huma koppja miżżewġa u li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 1.1.1. |
| | | 1.1.2. | Persuni tal-istess sess li huma koppji miżżewġin u li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 1.1.2. |
| | 1.2. | Koppji miżżewġin li għandhom familja b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix magħhom | | | | 1.2. |
| | | 1.2.1. | Raġel u mara li huma koppja miżżewġa u li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 1.2.1. |
| | | 1.2.2. | Koppji tal-istess sess li huma miżżewġin u għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 1.2.2. |
| | 1.3. | Koppji miżżewġin li għandhom familja, bl-iżgħar Familji b'koppji miżżewġa, u l-iżgħar iben/bint li jgħix/tgħix magħhom għandu/għandha 25 sena jew akbar | | | | 1.3. |
| | | 1.3.1. | Raġel u mara li huma koppja miżżewġa u li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 1.3.1. |
| | | 1.3.2. | Koppji tal-istess sess li huma miżżewġa u għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 1.3.2. |
| 2. | Koppji fi sħubija rreġistrata u li għandhom familja | | | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Koppji fi sħubija rreġistrata li ma għandhomx tfal jgħixu magħhom | | | | 2.1. |
| | | 2.1.1. | Koppji tas-sess oppost li huma miżżewġin u li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 2.1.1. |
| | | 2.1.2. | Koppji tal-istes sess li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 2.1.2. |
| | 2.2. | Koppji fi sħubija rreġistrata li għandhom minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena jgħix/tgħix magħhom | | | | 2.2. |
| | | 2.2.1. | Koppji tas-sess oppost li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 2.2.1. |
| | | 2.2.2. | Koppji tal-istess sess li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 2.2.2. |
| | 2.3. | Koppja fi sħubija rreġistrata, u l-iżgħar iben/bint li jgħix/tgħix magħhom għandha 25 sena jew akbar | | | | 2.3. |
| | | 2.3.1. | Koppji tas-sess oppost li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 2.3.1. |
| | | 2.3.2. | Koppji tal-istess sess li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 2.3.2. |
| 3. | Koppji f'unjoni konsenswali li għandhom familja | | | | 3. | 3. |
| | 3.1. | Koppji f'unjoni konsenswali li ma għandhomx tfal jgħixu magħhom | | | | 3.1. |
| | | 3.1.1. | Koppji tas-sess oppost li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 3.1.1. |
| | | 3.1.2. | Koppji tal-istess sess li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 3.1.2. |
| | 3.2. | Koppji f'unjoni konsenswali b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix magħhom | | | | 3.2. |
| | | 3.2.1. | Koppji tas-sess oppost li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 3.2.1. |
| | | 3.2.2. | Koppji tal-istess sess li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 3.2.2. |
| | 3.3. | Koppji f'unjoni konsenswali, u l-iżgħar tifel/tifla li jgħix/tgħix magħhom għandu/għandha 25 sena jew akbar | | | | 3.3. |
| | | 3.3.1. | Koppji tas-sess oppost li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 3.3.1. |
| | | 3.3.2. | Koppji tal-istess sess li għandhom familja (mhux obbligatorja) | | | 3.3.2. |
| 4. | Familji b'ġenitur wieħed (il-missier) | | | | 4. | 4. |
| | 4.1. | Familji b'ġenitur wieħed (il-missier) b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix magħhom | | | | 4.1. |

| Tip ta' nukleu ta' familja | | | TFN.L. | TFN.H. |
|---|---|---|---|---|
| | 4.2. | Familji b'ġenitur wieħed (l-omm), u l-iżgħar tifel/tifla li jgħix/tgħix magħhom għandu/għandha 25 sena jew akbar | | 4.2. |
| 5. | Familji b'ġenitur wieħed (l-omm) | | 5. | 5. |
| | 5.1. | Familji b'ġenitur wieħed (l-omm) b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix magħhom | | 5.1. |
| | 5.2. | Familji b'ġenitur wieħed (l-omm), u l-iżgħar tifel/tifla li jgħix/tgħix magħhom għandu/għandha 25 sena jew akbar | | 5.2. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Tip ta' nukleu ta' familja" huma maħsuba biex jikkategorizzaw it-total tan-nukelul tal-familja, u kwalunkwe total parzjali.

**Suġġett: Daqs ta' nukleu ta' familja**

Id-definizzjoni tat-terminu "nukleu ta' familja" pprovdut għas-suġġett "Stat ta' familja" tapplika wkoll għas-suġġett "Daqs ta' nukleu ta' familja".

| Daqs ta' nukleu ta' familja | | | | SFN.L. | SFN.M. | SFN.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. | 0. |
| 1. | żewġ persuni | | | 1. | 1. | 1. |
| 2. | minn tlieta sa ħames persuni | | | 2. | 2. | 2. |
| | 2.1. | tliet persuni | | | 2.1. | 2.1. |
| | 2.2. | erba' persuni | | | 2.2. | 2.2. |
| | 2.3. | ħames persuni | | | 2.3. | 2.3. |
| 3. | sitt persuni jew aktar | | | 3. | 3. | 3. |
| | 3.1. | sitta sa 10 persuni | | | 3.1. | 3.1. |
| | | 3.1.1. | sitt persuni | | | 3.1.1. |
| | | 3.1.2. | seba' persuni | | | 3.1.2. |
| | | 3.1.3. | tmien persuni | | | 3.1.3. |
| | | 3.1.4. | disa' persuni | | | 3.1.4. |
| | | 3.1.5. | 10 persuni | | | 3.1.5. |
| | 3.2. | 11-il persuna jew aktar | | | 3.2. | 3.2. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Daqs ta' nukleu ta' familja" huma maħsuba biex jikkategorizzaw it-total tan-nukleu tal-familja, u kwalunkwe total parzjali.

**Suġġett: Tip ta' dar privata**

L-ispeċifikazzjonijiet ipprovduti għas-suġġett "Stat tad-dar" japplikaw ukoll għas-suġġett "Tip ta' dar privata".

| Tip ta' dar privata | | | | TPH.L. | TPH.H. |
|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. |
| 1. | Djar b'nies li jgħixu fihom li m'humiex familja | | | 1. | 1. |
| | 1.1. | Djar b'persuna waħda | | 1.1. | 1.1. |
| | 1.2. | Djar b'aktar minn persuna waħda | | 1.2. | 1.2. |
| 2. | Djar b'familja waħda | | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Djar b'koppja miżżewġa | | | 2.1. |
| | | 2.1.1. | Koppji miżżewġin li ma għandhomx tfal jgħixu magħhom | | 2.1.1. |

| Tip ta' dar privata | | | | | TPH.L. | TPH.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 2.1.1.1. | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.1.1.1. |
| | | | 2.1.1.2. | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.1.1.2. |
| | | 2.1.2. | Koppji miżżewġa b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix magħhom | | | 2.1.2. |
| | | | 2.1.2.1. | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.1.2.1. |
| | | | 2.1.2.2. | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.1.2.2. |
| | | 2.1.3. | Koppji miżżewġa, u l-iżgħar iben/bint li jgħix/tgħix magħhom għandu/għandha 25 sena jew akbar | | | 2.1.3. |
| | | | 2.1.3.1 | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.1.3.1. |
| | | | 2.1.3.2 | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.1.3.2. |
| | 2.2. | Djar bi sħab li għandhom sħubija rreġistrata | | | | 2.2. |
| | | 2.2.1. | Sħubiji rreġistrati li ma għandhomx tfal jgħixu magħhom | | | 2.2.1. |
| | | | 2.2.1.1. | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.2.1.1. |
| | | | 2.2.1.2. | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.2.1.2. |
| | | 2.2.2. | Sħubiji rreġistrati b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix magħhom | | | 2.2.2. |
| | | | 2.2.2.1. | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.2.2.1. |
| | | | 2.2.2.2. | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.2.2.2. |
| | | 2.2.3. | Sħubiji rreġistrati, u l-iżgħar iben/bint li jgħix/tgħix magħhom għandha 25 sena jew akbar | | | 2.2.3. |
| | | | 2.2.3.1. | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.2.3.1. |
| | | | 2.2.3.2. | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.2.3.2. |
| | 2.3. | Djar b'koppji lil qegħdin f'unjoni konsenswali | | | | 2.3. |
| | | 2.3.1. | Koppji li qegħdin f'unjoni konsenswali li ma għandhomx tfal jgħixu magħhom | | | 2.3.1. |
| | | | 2.3.1.1. | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.3.1.1. |
| | | | 2.3.1.2. | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.3.1.2. |
| | | 2.3.2. | Koppji li qegħdin f'unjoni konsenswali b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix magħhom | | | 2.3.2. |
| | | | 2.3.2.1. | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.3.2.1. |
| | | | 2.3.2.2. | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.3.2.2. |
| | | 2.3.3. | Koppji li qegħdin f'unjoni konsenswali, u l-iżgħar iben/bint li jgħix/tgħix magħhom għandu/għandha 25 sena jew akbar | | | 2.3.3. |
| | | | 2.3.3.1. | Djar b'koppji tas-sess oppost (mhux obbligatorja) | | 2.3.3.1. |
| | | | 2.3.3.2. | Djar b'koppji tal-istess sess (mhux obbligatorja) | | 2.3.3.2. |

| Tip ta' dar privata | | | | TPH.L. | TPH.H. |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2.4. | Djar b'ġenitur wieħed (il-missier) | | | 2.4. |
| | | 2.4.1. | Djar b'ġenitur wieħed (il-missier) b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix miegħu | | 2.4.1. |
| | | 2.4.2. | Djar b'ġenitur wieħed (il-missier), u l-iżgħar iben/bint li jgħix/tgħix miegħu għandha 25 sena jew akbar | | 2.4.2. |
| | 2.5. | Djar b'ġenitur wieħed (l-omm) | | | 2.5. |
| | | 2.5.1. | Djar b'ġenitur wieħed (l-omm) b'minn tal-inqas tifel/tifla taħt il-25 sena li jgħix/tgħix magħha | | 2.5.1. |
| | | 2.5.2. | Djar b'ġenitur wieħed (l-omm), u l-iżgħar iben/bint li jgħix/tgħix magħha għandha 25 sena jew akbar | | 2.5.2. |
| 3. | Djar b'żewġ familji jew aktar | | | 3. | 3. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Tip ta' dar privata" huma maħsuba biex jikkategorizzaw it-total tad-"djar privati", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Daqs ta' dar privata**

L-ispeċifikazzjonijiet għall-kunċetti ta' dar pprovduti għas-suġġett "Stat ta' dar" japplikaw ukoll għas-suġġett "Daqs ta' dar privata".

| Daqs ta' dar privata | | | | SPH.L. | SPH.M. | SPH.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. | 0. |
| 1. | persuna waħda | | | 1. | 1. | 1. |
| 2. | żewġ persuni | | | 2. | 2. | 2. |
| 3. | tlieta sa ħames persuni | | | 3. | 3. | 3. |
| | 3.1. | tliet persuni | | | 3.1. | 3.1. |
| | 3.2. | erba' persuni | | | 3.2. | 3.2. |
| | 3.3. | ħames persuni | | | 3.3. | 3.3. |
| 4. | sitt persuni jew aktar | | | 4. | 4. | 4. |
| | 4.1. | sitta sa 10 persuni | | | 4.1. | 4.1. |
| | | 4.1.1. | sitt persuni | | | 4.1.1. |
| | | 4.1.2. | seba' persuni | | | 4.1.2. |
| | | 4.1.3. | tmien persuni | | | 4.1.3. |
| | | 4.1.4. | disa' persuni | | | 4.1.4. |
| | | 4.1.5. | 10 persuni | | | 4.1.5. |
| | 4.2. | 11-il persuna jew aktar | | | 4.2. | 4.2. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Daqs ta' dar privata" huma maħsuba biex jikkategorizzaw it-total tad-"djar privati", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Stat ta' pussess tad-djar**

Is-suġġett "Stat ta' pussess tad-djar" jirreferi għall-arranġamenti taħt liema dar privata tokkupa parti minn unità ta' akkomodazzjoni jew unità ta' akkomodazzjoni sħiħa.

| Stat ta' pussess tad-djar | | TSH. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Nies li jgħixu flimkien li minn tal-inqas membru wieħed minnhom huwa s-sid tal-unità tal-akkomodazzjoni | 1. |
| 2. | Nies li jgħixu flimkien li minn tal-inqas membru wieħed minnhom huwa l-kerrej ta' parti mill-unità tal-akkomodazzjoni jew tal-unità tal-akkomodazzjoni sħiħa | 2. |
| 3. | Nies li jgħixu flimkien li jokkupaw parti mill-unità tal-akkomodazzjoni jew l-unità ta' akkomodazzjoni sħiħa taħt xi forma ta' pussess | 3. |
| 4. | Mhux imniżżla | 4. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Stat ta' pussess tad-djar" huma maħsuba biex jikkategorizzaw it-total tad-"djar privati", u kwalunkwe totali parzjali.

Nies li jgħixu flimkien li qegħdin fil-proċess li jħallsu d-dejn fuq l-unità ta' akkomodazzjoni fejn joqogħdu jew li jixtru l-unità ta' akkomodazzjoni fuq medda ta' żmien taħt arranġamenti finanzjarji oħra għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kategorija "Nies li jgħixu flimkien li minn tal-inqas membru wieħed minnhom huwa s-sid tal-unità ta' akkomodazzjoni" (TSH.1.).

Nies li jgħixu flimkien li minn tal-inqas membru wieħed minnhom huwa s-sid tal-unità ta' akkomodazzjoni u minn tal-inqas membru wieħed minnhom huwa l-kerrej ta' parti mill-unità ta' akkomodazzjoni jew tal-unità ta' akkomodazzjoni sħiħa għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kategorija "Nies li jgħixu flimkien li minn tal-inqas membru wieħed minnhom huwa s-sid tal-unità ta' akkomodazzjoni" (TSH.1.).

**Suġġett: Arranġamenti ta' akkkomodazzjoni**

Is-suġġett "Arranġamenti ta' akkomodazzjoni" ikopri l-popolazzjoni kollha u jirreferi għas-suġġett ta' akkomodazzjoni fejn persuna normalment tgħix matul iż-żmien taċ-ċensiment. Dan ikopri l-persuni kollha li meta jsir iċ-ċensiment ikunu residenti tas-soltu f'tipi differenti ta' postijiet ta' għixien, jew li ma jkollhomx residenza tas-soltu u joqogħdu b'mod temporanju f'xi tip ta' postijiet ta' għixien, jew li ma jkollhomx saqaf fuq rashom, jorqdu barra jew f'xi għabex ta' emerġenza.

Okkupanti huma persuni li għandhom ir-residenza tas-soltu tagħhom fil-postijiet imniżżla fil-kategorija rispettiva.

"Akkomodazzjonijiet konvenzjonali" huma postijiet li huma strutturalment separati u indipendenti f'postijiet fissi li huma maħsuba għall-abitazzjoni permanenti tal-bnedmin u li huma, fid-data ta' riferenza,

(a) użati bħali residenza, jew

(b) vojta, jew

(c) irriservati għal użu staġjonali jew sekondarju.

"Separat" tfisser imdawwar bil-ħitan u kopert b'saqaf biex persuna waħda jew aktar jistgħu jiżolaw ruħhom. "Indipendenti" tfisser li persuna jkollha aċċess dirett minn triq jew taraġ, passaġġ, gallarija jew grawnds.

"Unitajiet oħra ta' akkomodazzjoni" huma għeriex, kabini, għelieqi, gabubi, karavani, djar tad-dgħajjes, gaġeġ, imtieħen, għerien jew kwalunkwe għabex ieħor użat għall-abitazzjoni tal-bniedem fiż-żmien li jsir iċ-ċensiment, irrilevanti jekk dan il-post kienx maħsub għall-abitazzjoni tal-bniedem.

"Postijiet ta' għixien kollettivi" huma postijiet li huma maħsuba għall-abitazzjoni ta' gruppi kbar ta' individwi jew diversi nies li jgħixu flimkien u li huma użati bħala r-residenza tas-soltu ta' minn tal-inqas persuna waħda fiż-żmien li jsir iċ-ċensiment.

"Akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati", unitajiet ta' akkomodazzjoni oħra u postijiet ta' għixien kollettiv flimkien jirrappreżentaw "postijiet ta' għixien". Kwalunkwe "post ta' għixien" għandu jkun ir-residenza tas-soltu ta' minn tal-inqas persuna waħda.

It-total tal-postjiet konvenzjonali okkupati u unitajiet ta' akkomodazzjoni oħra jirrappreżentaw "unitajiet ta' akkomodazzjoni".

Il-persuni bla djar (persuni li m'humiex ir-residenti tas-soltu fi kwalunkwe kategorija ta' post ta' għixien) jistgħu jkunu persuni li jgħixu fit-toroq mingħajr għabex li hu taħt l-ambitu ta' postijiet ta' għixien (primarjament bla dar) jew ta' persuni li ta' sikwiet jiċċaqalqu bejn akkomodazzjoni temporanja u oħra (sekondarjament bla dar).

| Arranġamenti ta' akkkomodazzjoni | | | HAR.L. | HAR.H. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. | 0. |
| 1. | Okkupanti li joqogħdu f'post ta' residenza konvenzjonali jew f'post ta' għixien kollettiv | | 1. | 1. |
| | 1.1. | Okkupanti li joqogħdu f'post konvenzjonali | 1.1. | 1.1. |
| | 1.2. | Okkupanti li joqogħdu f'post ta' għixien kollettiv | 1.2. | 1.2. |
| 2. | Okkupanti li joqogħdu fi kwalunkwe unità ta' akkomodazzjoni u dawk bla dar | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Okkupanti li joqogħdu f'unità ta' akkomodazzjoni oħra | | 2.1. |
| | 2.2 | Bla dar | | 2.2. |
| 3. | Mhux imniżżla | | 3. | 3. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Arranġamenti ta' akkomodazzjoni" huma maħsuba biex jikkategorizzaw kwalunkwe total jew sotto total li jirreferu għal persuni.

Fil-kategorizzazzjoni HAR.L., il-kategoriji "Total" (HAR.L.0.) kif ukoll "Okkupanti li jgħixu f'unità ta' akkomodazzjoni oħra u dawk li huma bla dar" (HAR.L.2.) m'humiex obbligatorji.

**Suġġett: Tip ta' postijiet ta' għixien**

Post ta' għixien huwa akkomodazzjoni li hu l-post ta' residenza tas-soltu ta' persuna waħda jew aktar. It-termini "Akkomodazzjonijiet konvenzjonali", "Unitajiet ta' akkomodazzjoni oħra" u "Kwartieri ta' għixien kollettiv" huma ddefiniti taħt is-suġġett "Arranġamenti ta' akkomodazzjoni".

| Tip ta' postijiet ta' għixien | | TLQ. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Postijiet konvenzjonali okkupati | 1. |
| 2. | Unitajiet ta' akkomodazzjoni oħra | 2. |
| 3. | Postijiet ta' għixien kollettiv | 3. |
| 4. | Mhux imniżżla | 4. |

Il-kategorizzazzjoni "Tip ta' post ta' għixien" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tad-"djar konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Stat ta' okkupanza ta' postijiet konvenzjonali**

"Postijiet konvenzjonali okkupati" huma postijiet konvenzjonali li huma r-residenza tas-soltu ta' persuna waħda jew aktar fiż-żmien li jsir iċ-ċensiment. "Postijiet konvenzjonali li m'humiex okkupati" huma postijiet konvenzjonali li m'humiex ir-residenza tas-soltu tal-ebda persuna fiż-żmien li jsir iċ-ċensiment.

| Stat ta' okkupanza ta' postijiet konvenzjonali | | | OCS. |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Postijiet konvenzjonali okkupati | | 1. |
| 2. | Postijiet konvenzjonali li m'humiex okkupati | | 2. |
| | 2.1. | Postijiet irriservati għal użu staġjonali jew sekondarju (mhux obbligatorja) | 2.1. |
| | 2.2. | Postijiet vojta (mhux obbligatorja) | 2.2. |
| 3. | Mhux imniżżla | | 3. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Stat ta' okkupanza ta' postijiet konvenzjonali" huma maħsuba biex jikkategorizzaw it-total tad-"djar privati", u kwalunkwe totali parzjali.

Postijiet konvenzjonali ma' persuni preżenti iżda mhux inklużi fiċ-ċensiment għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kategorija "Postijiet irriservati għall-użu staġjonali jew sekondarju" (OCS.2.1.).

**Suġġett: Tip ta' pussess**

Is-suġġett "Tip ta' pussess" jirreferi għall-pussess tal-post u mhux għal dik l-art fejn fuqha hemm il-post.

"Postijiet li fihom jgħix is-sid" huma dawk il-postijiet fejn minn tal-inqas okkupant tal-post huwa s-sid ta' parti mill-post jew tal-post sħiħ.

"Pussess kooperattiv" jirreferi għal pussess fi ħdan tal-qafas ta' kooperattiva ta' akkomodazzjoni.

"Postijiet mikrija" huma dawk il-postijiet fejn minn tal-inqas okkupant wieħed iħallas kera għall-okkupazzjoni tal-post, u fejn l-ebda okkupant m'huwa s-sid ta' parti mill-post jew tal-post sħiħ.

| Tip ta' pussess | | OWS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Postijiet li fihom jgħix is-sid | 1. |
| 2. | Postijiet f'pussess kooperattiv | 2. |
| 3. | Postijiet mikrija | 3. |
| 4. | Postijiet f'tipi oħra ta' pussess | 4. |
| 5. | Mhux imniżżla | 5. |
| 6. | Mhux applikabbli | 6. |

Il-kategorizzazzjoni "Tip ta' pussess" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total ta' "postijiet konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

Postijiet konvenzjonali li m'humiex okkupati għandhom ikunu kklassifikati taħt "Mhux applikabbli" (OWS.6.).

**Suġġett: Numru ta' okkupanti**

In-numru tal-okkupanti ta' unità ta' akkomodazzjoni huwa n-numru ta' nies li għalihom l-unità ta' akkomodazzjoni hija r-residenza tas-soltu.

| Numru ta' okkupanti | | NOC.L. | NOC.M. | NOC.H. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | 0. | 0. | 0. |
| 1. | persuna waħda | 1. | 1. | 1. |
| 2. | żewġ persuni | 2. | 2. | 2. |
| 3. | tlieta sa ħames persuni | 3. | 3. | 3. |
| 3.1. | tliet persuni | | 3.1. | 3.1. |
| 3.2. | erba' persuni | | 3.2. | 3.2. |
| 3.3 | ħames persuni | | 3.3. | 3.3. |
| 4. | sitt persuni jew aktar | 4. | 4. | 4. |
| 4.1. | sitta sa 10 persuni | | 4.1. | 4.1. |
| 4.1.1. | sitt persuni | | | 4.1.1. |
| 4.1.2. | seba' persuni | | | 4.1.2. |
| 4.1.3. | tmien persuni | | | 4.1.3. |
| 4.1.4. | disa' persuni | | | 4.1.4. |
| 4.1.5. | 10 persuni | | | 4.1.5. |
| 4.2. | 11-il persuna jew aktar | | 4.2. | 4.2. |

Il-kategorizzazzjonijiet għal "Numru tal-okkupanti" huma maħsuba biex jikkategorizzaw it-total tad-"djar privati", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Spazju ta' art bżonnjuż u/jew Numru ta' kmamar tal-unitajiet ta' akkomodazzjoni**

Spazju ta' art bżonnjuż huwa ddefinit bħala:

— l-ispazju tal-art imkejjel minn ġewwa l-ħitan ta' barra eskluż kantini li fihom ma jistgħux jgħixu nies u attiċi u, f'bini li fihom jgħixu ħafna nies, l-ispazji komuni kollha; jew

— l-ispazju tal-art sħiħa tal-kmamar li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kamra".

"Kamra" hija ddefinita bħala spazju f'unità ta' akkomodazzjoni li hi magħluqa bil-ħitan li jwasslu mill-art sas-saqaf jew sa fuq il-bejt, ta' daqs kbir biżżejjed biex toqgħod sodda ta' adult (minn tal-inqas erba' metri kwadri) u minn tal-inqas żewġ metri għoli 'l fuq miż-żona maġġuri tas-saqaf.

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw "l-ispazju ta' art bżonnjuż" jew, jekk dan mhux possibbli, in-"numru ta' kmamar".

| | Spazju ta' art bżonnjuż | UFS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Taħt it-30 metri kwadri | 1. |
| 2. | 30 - inqas minn 40 metru kwadru | 2. |
| 3. | 40 - inqas minn 50 metru kwadru | 3. |
| 4. | 50 - inqas minn 60 metru kwadru | 4. |
| 5. | 60 - inqas minn 80 metru kwadru | 5. |
| 6. | 80 - inqas minn 100 metru kwadru | 6. |
| 7. | 100 - inqas minn 120 metru kwadru | 7. |
| 8. | 120 - inqas minn 150 metru kwadru | 8. |
| 9. | 150 metru kwadru u aktar | 9. |
| 10. | Mhux imniżżla | 10. |

Il-kategorizzazzjoni "Spazju ta' art bżonnjuż" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tal-"unitajiet tad-djar", u kwalunkwe totali parzjali. Tista' tintuża wkoll biex tikkategorizza t-total ta' "postijiet konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

| | Numru ta' kmamar | NOR. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | kamra waħda | 1. |
| 2. | żewġt ikmamar | 2. |
| 3. | tlett ikmamar | 3. |
| 4. | erbat ikmamar | 4. |
| 5. | ħamest ikmamar | 5. |
| 6. | sitt ikmamar | 6. |
| 7. | sebat ikmamar | 7. |
| 8. | tmient ikmamar | 8. |
| 9. | disat ikmamar u aktar | 9. |
| 10. | Mhux imniżżla | 10. |

Il-kategorizzazzjoni "Numru ta' kmamar" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tal-"unitajiet tad-djar", u kwalunkwe totali parzjali. Tista' tintuża wkoll biex tikkategorizza t-total ta' "postijiet konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Standard ta' densità**

Is-suġġett "Standard ta' densità" jirrelata l-ispazju ta' art bżonnjuż f'metri kwadri jew in-numru ta' kmamar għan-numru ta' okkupanti, kif speċifikat taħt is-suġġett "Numru ta' okkupanti".

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-istandard ta' densità mkejjel mill-"ispazju ta' art bżonnjuż", jew, jekk dan mhux possibbli, min-"numru ta' kmamar".

| | Stantard ta' densità (spazju ta' art) | DFS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Taħt 10 metri kwadri għal kull okkupant | 1. |
| 2. | għaxra - inqas minn 15-il metru kwadru għal kull okkupant | 2. |
| 3. | 15 - inqas minn 20 metru kwadru għal kull okkupant | 3. |
| 4. | 20 - inqas minn 30 metru kwadru għal kull okkupant | 4. |
| 5. | 30 - inqas minn 40 metru kwadru għal kull okkupant | 5. |
| 6. | 40 - inqas minn 60 metru kwadru għal kull okkupant | 6. |
| 7. | 60 - inqas minn 80 metru kwadru għal kull okkupant | 7. |
| 8. | 80 metru kwadru u aktar għal kull okkupant | 8. |
| 9. | Mhux imniżżla | 9. |

Il-kategorizzazzjoni "Standard ta' densità (spazju ta' art)" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tal-"unitajiet ta' akkomodazzjoni", u kwalunkwe totali parzjali.

| | Standard ta densità (numru ta' kmamar) | DRM. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Inqas min 0.5 kamra għal kull okkupant | 1. |
| 2. | 0.5 – inqas minn 1.0 kamra għal kull okkupant | 2. |
| 3. | 1.0 – inqas minn 1.25 kmamar għal kull okkupant | 3. |
| 4. | 1.25 – inqas minn 1.5 kmamar għal kull okkupant | 4. |
| 5. | 1.5 – inqas minn 2.0 kmamar għal kull okkupant | 5. |
| 6. | 2.0 – inqas minn 2.5 kmamar għal kull okkupant | 6. |
| 7. | 2.5 – inqas minn 3.0 kmamar għal kull okkupant | 7. |
| 8. | 3.0 kmamar u aktar għal kull okkupant | 8. |
| 9. | Mhux imniżżla | 9. |

Il-kategorizzazzjoni "Standard ta' densità (numru ta' kmamar)" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tal-'unitajiet ta' akkomodazzjoni, u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Sistema tal-provista tal-ilma**

| | Sistema tal-provista tal-ilma | WSS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Ilma li jidħol mill-pajp fl-unità ta' akkomodazzjoni | 1. |
| 2. | L-ebda ilma li jidħol mill-pajp fl-unità ta' akkomodazzjoni | 2. |
| 3. | Mhux imniżżla | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Sistema tal-provista tal-ilma" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tal-"unitajiet ta' akkomodazzjoni", u kwalunkwe totali parzjali. Tista' tintuża wkoll biex tikkategorizza t-total ta' "postijiet konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Faċilitajiet sanitarji**

| | Faċilitajiet sanitarji | TOI. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Commode li jifflaxxja fl-unità ta' akkomodazzjoni | 1. |
| 2. | Commode li ma jifflaxxjax fl-unità ta' akkomodazzjoni | 2. |
| 3. | Mhux imniżżla | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Faċilitajiet sanitarji" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tal-"unitajiet ta' akkomodazzjoni", u kwalunkwe totali parzjali. Tista' tintuża ukoll biex tikkategorizza t-total ta' "postijiet konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Faċilitajiet għall-Ħasil**

Faċilità għall-ħasil hija kwalunkwe faċilità maħsuba biex taħsel il-ġisem sħiħ u tinkludi faċilitajiet ta' doċoċ.

| | Faċilitajiet għall-Ħasil | BAT. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Banju jew doċċa fissa fl-unità ta' akkomodazzjoni | 1. |
| 2. | L-ebda banju jew doċċa fissa fl-unità ta' akkomodazzjoni | 2. |
| 3. | Mhux imniżżla | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Faċilitajiet għall-ħasil" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tal-"unitajiet tad-djar", u kwalunkwe totali parzjali. Tista' tintuża wkoll biex tikkategorizza t-total ta' "postijiet konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

**Tip ta' tisħin**

Unità tal-akkomodazzjoni hija kkunsidrata bħala ċentralment imsaħħna jekk it-tisħin ikun ipprovdut jew minn ċentru ta' tisħin komunitarju jew minn installazzjoni mibnija fil-bini jew fl-unità tal-akkomodazzjoni stabbilita għal skopijiet ta' tisħin, mingħajr ma jitqies is-sors tal-enerġija.

| Tip ta' tisħin | | TOH. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Sistemi ċentrali ta' tisħin | 1. |
| 2. | Mingħajr sistemi ċentrali ta' tisħin | 2. |
| 3. | Mhux imniżżla | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Tip ta' tisħin" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tal-"unitajiet tad-djar", u kwalunkwe totali parzjali. Jista' jintuża wkoll biex jikkategorizza t-total ta' "postijiet ta' għixien konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Post ta' residenza skont it-tip tal-bini**

Is-suġġett "Post skont it-tip tal-bini" jirreferi għan-numru ta' postijiet fil-bini fejn qiegħed il-post.

| Post ta' residenza skont it-tip tal-bini | | | TOB. |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Postijiet ta' residenza konvenzjonali f'bini residenzjali | | 1. |
| | 1.1. | Postijiet ta' residenza konvenzjonali f'bini ta' residenza wieħed | 1.1. |
| | 1.2. | Postijiet ta' residenza konvenzjonali f'bini ta' residenza tnejn | 1.2. |
| | 1.3. | Postijiet ta' residenza konvenzjonali f'bini ta' tlieta jew aktar residenza | 1.3. |
| 2. | Postijiet ta' residenza konvenzjonali f'bini mhux residenzjali | | 2. |
| 3. | Mhux imniżżla | | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Postijiet ta' residenza skont it-tip ta' bini" hija maħsuba biex tikkategorizza t-total tad-"djar konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.

**Suġġett: Djar skont il-perjodu ta' bini**

Is-suġġett "Djar skont il-perjodu ta' bini" jirreferi għas-sena meta l-bini fejn qegħda d-dar kien lest.

| Djar skont il-perjodu ta' bini | | POC. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Qabel l-1919 | 1. |
| 2. | 1919 – 1945 | 2. |
| 3. | 1946 – 1960 | 3. |
| 4. | 1961 – 1970 | 4. |
| 5. | 1971 – 1980 | 5. |
| 6. | 1981 – 1990 | 6. |
| 7. | 1991 – 2000 | 7. |
| 8. | 2001 – 2005 | 8. |
| 9. | 2006 u wara | 9. |
| 10. | Mhux imniżżla | 10. |

Il-kategorizzazzjoni "Djar skont il-perjodu ta' bini" huwa maħsub biex jikkategorizza t-total tad-"djar konvenzjonali", u kwalunkwe totali parzjali.